MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru. 911/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
SIMON SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simon Spiteri, ta’ 39 sena, bin Espedito u Maria Concetta nee’ Cutajar, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Settembru 1963, u residenti Terrazzo Court, Flat 5, Triq il-Mensija, San Giljan, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 470763(M), u akkuzat talli fl-14 ta’ Mejju 2002, u fi granet ta’ qabel u ta’ wara, f’San Giljan u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara tal-koppja Nicholas u Mireille Callus, u diversi persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih, is-somma ta' sitt elef sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltin (Lm6691), jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 293, liema reat huwa aggravat bl-Artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel akkuza (a fol 18).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, u wara li rat l-Artikoli 293, 294 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sena

prigunerija sospiza ghal sentejn, waqt illi tilliberah mit-tieni akkuza, li hija sussidjarja ghall-ewwel akkuza.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali nadifa, u minhabba l-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha illi kellu mal-kwerelanti fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------